MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1257/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

***kontra***

**Julie Ann Navarro (ID Nru. 137499M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat illi kien prezentat fid-19 ta` Dicembru 2011. Dan jaqra hekk –

*1. Illi in forza ta` kuntratt ta` self fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa tat-3 ta` Novembru 2004, kopja ta` liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “A”, il-bank sellef lill-intimata sittax-il elf lira Maltin*

*(Lm16,000) ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf mitejn u sebghin Euro (EUR37,270), liema ammont gie ddepositat gewwa "Home Loan Account" bin-numru 16070807 u dana ai termini ta` sanction letter datata 3 ta` Settembru, 2004 (Dok. "B") ;*

*2. Illi l-intimata ripetutament naqset milli thallas l-ammont dovut lill-bank rikorrent skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta` self u l-kont ta` l-intimata mal-bank rikorrent huwa passiv fis-somma ta` hamsa u erbghin elf disa` mija u tnax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (EUR45,912.55) rapprezentanti in kwantu ghal tmienja u tletin elf tliett mija u erbgha u tletin Euro u tnejn u tletin centezmu (EUR38,334.32) kapital u in kwantu ghal sebat elef hames mija u tmeinja u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (EUR7,578.23) rapprezentanti interessi akkumulati bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-24 ta` Ottubru 2011 skond il-prospett, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "C" ;*

*3. Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi u dana permezz ta` ittra tal-bank rikorrenti tas-6 ta` Gunju 2007 (kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "D"), ittra ufficjali ulterjuri tat-30 ta` April 2008 (kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "F") u kif ukoll ittra ufficjali datata 9 ta` Gunju 2010 (kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "G") sabiex thallas lill-bank rikorrenti l-ammont minnha dovut, izda xorta baqghet inadempjenti.*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*(i) Tiddikjara li l-intimata hija debitrici tal-bank rikorrenti fis-somma ta` hamsa u erbghin elf disa` mija u tnax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (EUR45,912.55) rapprezentanti in kwantu ghal tmienja u tletin elf tlett mija u erba` u tletin Euro u tnejn u tletin centezmu*

*(EUR38,334.32), u in kwantu ghal sebat elef hames mija u tmienja u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (EUR7,578.23) rapprezentanti interessi akkumulati bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena akkumulati mill-24 ta` Ottubru 2011 sad-data tal-hlas effettiv ; u*

*(ii) Tordna u tikkundanna lill-intimata thallas lill-bank rikorrenti fis-somma ta` hamsa u erbghin elf disa` mija u tnax-il Euro u hamsa u hamsin centezmu (EUR45,912.55) rapprezentanti in kwantu ghal tmienja u tletin elf tliet mija u erbgha u tletin Euro u tnejn u tletin centezmu (EUR38,334.32), u in kwantu ghal sebat elef hames mija u tmienja u sebghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (EUR7,578.23) rapprezentanti interessi akkumulati bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena akkumulati mill-24 ta` Ottubru 2011 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tat-13 ta` Lulju 2007, l-ittra ufficjali ulterjuri tat-30 ta` April 2008 u kif ukoll ta` l-ittra ufficjali datata 9 ta` Gunju 2010, bl-imghaxijiet legali, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-bank attur, flimkien ma` l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors guramentat..

Rat illi r-rikors guramentat kien debitament notifikat lill-konvenuta skond il-ligi.

Rat li l-konvenuta kienet ukoll debitament notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi l-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata, u ghalhekk kienet meqjusa fi stat ta` kontumacja.

Semghet id-deposizzjoni tal-Prokuratur Legali Catherine Fenech bhala rapprezentant tal-bank attur fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2012 li *inter alia* ikkonfermat illi wara l-prezentata tar-rikors guramentat, il-konvenuta debitrici ma kienet hallset xejn mill-kapital dovut bil-konsegwenza illi l-imghax akkumulat baqa` jizdied.

Din il-Qorti mhux biss rat izda qieset l-atti processwali fl-assjem taghhom.

**Tghid illi hija sodisfatta, anke fuq l-iskorta tad-dokumenti prezentati mill-bank attur, illi l-kreditu pretiz mill-konvenuta huwa pruvat skond il-ligi.**

**Tqis ukoll illi dak pretiz mill-bank attur mhuwiex kontradett mill-konvenuta.**

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenuta, din il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza, billi tilqa` t-talbiet tal-bank attur kontra l-konvenuta, kif dedotti fir-rikors guramentat, bl-imghax kif mitlub, u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------